



Kumitat għall-Baġits

2017/0225(COD)

16.5.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ENISA, l-"Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà" li jħassar ir-Regolament (UE) 526/2013, u li jikkonċerna ċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà tat-Teknoloġija tal-Infurmazzjoni u tal-Komunikazzjoni ("l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà")
(COM(2017)0477 – C8-0310/2017 – 2017/0225(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Jens Geier

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-Rapporteur jilqa' b'mod ġenerali l-proposta tal-Kummissjoni għal "Att dwar iċ-Ċibersigurtà" sabiex jissaħħaħ aktar ir-rwol tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni (ENISA), minħabba li l-kwistjoni taċ-ċibersigurtà hija definittivament transfruntiera u huwa xieraq li jittieħed approċċ aktar Ewropew. Ir-Rapporteur jilqa' b'mod partikolari l-proposta tal-Kummissjoni li l-ENISA tingħata mandat permanenti, minħabba r-rwol akbar tagħha u biex tipprovdi ċertezza lill-membri tal-persunal tal-aġenzija. Il-Kummissjoni tipproponi żieda ta' persunal AD/AST b'41 post tax-xogħol sal-2022¹ u żieda tal-baġit annwali tal-aġenzija sa EUR 23 miljun fl-2022².

Ir-Rapporteur huwa tal-fehma li l-arranġament attwali tas-sede, jiġifieri d-diversi siti tal-aġenzija f'Heraklion u f'Ateni, ixekkel il-funzjonament effiċjenti fit-twettiq tal-mandat tal-aġenzija. Il-Grupp ta' Ħidma Interistituzzjonali dwar ir-riżorsi tal-aġenziji, kif stabbilit wara l-ftehim dwar il-baġit 2014, jirrakkomanda "lill-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' lokalitajiet multipli tal-aġenziji (sedi doppji, eżistenza ta' siti tekniċi minbarra s-sede, ufficijanti lokali u ssekondar ta' persunal barra l-kwartieri ġenerali) abbażi ta' approċċ konsistenti u bl-użu ta' kriterji ċari u trasparenti, b'mod partikolari bil-ħsieb tal-valutazzjoni tal-valur miżjud tagħhom, anki fid-dawl tal-ispejjeż involuti". L-istituzzjonijiet kollha tal-UE qablu ma' din ir-rakkomandazzjoni, u r-Rapporteur jemmen li tali evalwazzjoni għandha titwettaq malajr. Wara din l-evalwazzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom jisiltu l-konklużjonijiet neċessarji mingħajr aktar dewmien.

Ir-Rapporteur jemmen ukoll li l-mandat tal-aġenzija, li tipprovdi għarfien espert, jista' jissaħħaħ aktar billi l-aġenzija jkollha baġit tagħha stess biex tkun tista' tikkummissjona attivitajiet ta' riċerka u ta' żvilupp. Għal dan it-tip ta' baġit, l-aġenzija għandha tkun mġammra bir-riżorsi meħtieġa.

L-aġenzija tista' tiffirka aktar jekk tkun tista' tirċievi servizzi ta' traduzzjoni minn fornituri ta' servizzi oħrajn. Is-sorveljanza demokratika tal-aġenzija tista' tissaħħaħ billi jiġi nnominat rappreżentant tal-Parlament Ewropew fil-Bord tat-Tmexxija, f'konformità mal-Approċċ Komuni dwar l-Aġenziji.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) L-ENISA jenħtieġ li tagħti appoġġ

¹ Dan jinkludi 26 AD, 6 AST u 9 Esperti Nazzjonali Sekondati. L-estimu tar-rekwiżiti mhijiex inkluża għad-Direttorat Ġenerali prinċipali, l-aġenti kuntrattwali u l-kuntratturi esterni.

² Bħala estimu, mingħajr preġudizzju tal-finanzjament tal-UE wara l-2020.

aktar prattiku u bbażat fuq l-informazzjoni lill-industrija taç-çibersigurtà tal-UE, b'mod partikolari lill-SMEs u lin-negozji l-ġodda li huma sorsi ewlenin ta' soluzzjonijiet innovattivi fil-qasam taç-çiberdifiza, u jenħtieġ li tippromwovi kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-organizzazzjonijiet ta' rìcerka universitarja u atturi ewlenin bil-ħsieb li jitnaqqsu d-dipendenzi fuq il-prodotti taç-çibersigurtà minn sorsi esterni u li tinħoloq katina tal-provvista strateġika fi ħdan l-Unjoni;

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) L-attakki çibernetiçi qed jìzdiedu, u ekonomija u soçjetà konnessi li huma aktar vulnerabbli għat-theddid u l-attakki çibernetiçi jeħtieġu difiżi aktar b'saħħithom. Madankollu, filwaqt li l-attakki çibernetiçi kemm-il darba jkunu ta' natura transfruntiera, ir-risponsi politiçi mill-awtoritajiet taç-çibersigurtà u l-kompetenzi tal-infurzar tal-liçi huma fil-biçça l-kbira ta' natura nazzjonali. Inçidenti çibernetiçi fuq skala kbira jistgħu jfixklu l-provvista ta' servizzi essenzjali madwar l-UE. Dan jesiġi rispons u gesticjoni tal-kriżijiet effikaçi fil-livell tal-UE, abbażi ta' politiki apposta u strumenti usa' għas-solidarjetà Ewropea u l-assistenza reçioproka. Barra minn hekk, għal dawk li jfasslu l-politika, għall-industrija u għall-utenti hu importanti li ssir valutazzjoni regolari tal-istat taç-çibersigurtà u tar-reżiljenza fl-Unjoni, ibbażata fuq data affidabbli tal-Unjoni, kif ukoll previżjoni sistematika tal-iżviluppi, l-isfidi u t-theddid futuri kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fil-livell globali.

Emenda

(4) L-attakki çibernetiçi qed jìzdiedu, u ekonomija u soçjetà konnessi li huma aktar vulnerabbli għat-theddid u l-attakki çibernetiçi jeħtieġu difiżi aktar b'saħħithom. Madankollu, filwaqt li l-attakki çibernetiçi kemm-il darba jkunu ta' natura transfruntiera, ir-risponsi politiçi mill-awtoritajiet taç-çibersigurtà u l-kompetenzi tal-infurzar tal-liçi huma fil-biçça l-kbira ta' natura nazzjonali. Inçidenti çibernetiçi fuq skala kbira jistgħu jfixklu l-provvista ta' servizzi essenzjali madwar l-UE. Dan jesiġi rispons u gesticjoni tal-kriżijiet effikaçi fil-livell tal-UE, abbażi ta' politiki apposta u strumenti usa' għas-solidarjetà Ewropea u l-assistenza reçioproka. ***Il ħtiġijiet tat-tahriç fil-qasam taç-çiberdifiza huma sostanzjali u qegħdin jìzdiedu, u l-aktar mod effikaçi biex dawn jintlaħqu huwa permezz ta' kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni.*** Barra minn hekk, għal dawk li jfasslu l-politika, għall-industrija u għall-utenti hu importanti li ssir valutazzjoni regolari tal-istat taç-çibersigurtà u tar-reżiljenza fl-Unjoni, ibbażata fuq data affidabbli tal-Unjoni, kif ukoll previżjoni sistematika tal-iżviluppi, l-

isfidi u t-theddid futuri kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fil-livell globali.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Fil-qafas tad-Deċiżjoni 2004/97/KE, Euratom, adottata fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2003, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri ddeċidew li l-ENISA jkollha s-sede tagħha f'belt fil-Greċja, li kellha tintgħażel mill-Gvern Grieg. L-Istat Membru ospitanti tal-Aġenzija jenħtieġ li jiżgura l-aħjar kondizzjonijiet possibbli għal ħidma effiċjenti u bla xkiel tal-Aġenzija. Hu essenzjali għat-twettiq xieraq u effiċjenti tal-kompiti tagħha, għar-reklutaġġ u ż-żamma tal-persunal u biex tissaħħaħ l-effiċjenza ***tal-attivitajiet*** tan-networking, li l-Aġenzija tkun ibbażata f'post xieraq, li fost affarijiet oħra jiġu provduti konnessjonijiet u faċilitajiet tat-trasport adegwati għall-familjari li jakkumpanjaw membri tal-persunal tal-Aġenzija. L-arranġamenti neċessarji jenħtieġ li jiġu elenkati fi ftehim bejn l-Aġenzija u l-Istat Membru ospitanti, konkluż wara li tinkiseb l-approvazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija.

Emenda

(10) Fil-qafas tad-Deċiżjoni 2004/97/KE, Euratom, adottata fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2003, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri ddeċidew li l-ENISA jkollha s-sede tagħha f'belt fil-Greċja, li kellha tintgħażel mill-Gvern Grieg. L-Istat Membru ospitanti tal-Aġenzija jenħtieġ li jiżgura l-aħjar kondizzjonijiet possibbli għal ħidma effiċjenti u bla xkiel tal-Aġenzija. Hu essenzjali għat-twettiq xieraq u effiċjenti tal-kompiti tagħha, għar-reklutaġġ u ż-żamma tal-persunal u biex tissaħħaħ l-effiċjenza ***tal-attivitajiet*** tan-networking, li l-Aġenzija tkun ibbażata f'post xieraq, li fost affarijiet oħra jiġu provduti konnessjonijiet u faċilitajiet tat-trasport adegwati għall-familjari li jakkumpanjaw membri tal-persunal tal-Aġenzija. L-arranġamenti neċessarji jenħtieġ li jiġu elenkati fi ftehim bejn l-Aġenzija u l-Istat Membru ospitanti, konkluż wara li tinkiseb l-approvazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija. ***Dan il-ftehim jenħtieġ li jiġi rivedut wara l-evalwazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni kif rakkomandat mill-Grupp ta' Ħidma Interistituzzjonali dwar ir-riżorsi tal-aġenziji bil-għan li tiżdied l-effiċjenza tal-Aġenzija, u jenħtieġ li tiġi rieżaminata s-sede tal-Aġenzija.***

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) L-Aġenzija jenħtieġ li tiżviluppa u żżomm livell għoli ta' għarfien espert u topera bħala punt ta' referenza u tistabilixxi fiduċja u kunfidenza fis-suq intern permezz tal-indipendenza tagħha, il-kwalità tal-konsulenza li toffri u l-informazzjoni li xxerred, it-trasparenza tal-proċeduri u l-metodi tal-operat tagħha, u r-reqqa tagħha fit-twettiq tal-kompiti tagħha. L-Aġenzija jenħtieġ li tikkontribwixxi b'mod proattiv għall-isforzi nazzjonali u tal-Unjoni filwaqt li twettaq il-kompiti tagħha b'kooperazzjoni sħiħa mal-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u l-Istati Membri. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Aġenzija tibni fuq l-input minn u l-kooperazzjoni mas-settur privat u ma' partijiet konċernati oħra. Jenħtieġ li jkun hemm sett ta' kompiti li jistabilixxi kif l-Aġenzija għandha tikseb l-għanijiet tagħha filwaqt li jippermetti flessibilità fl-attivitajiet tagħha.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12) L-Aġenzija jenħtieġ li tiżviluppa u żżomm livell għoli ta' għarfien espert u topera bħala punt ta' referenza u tistabilixxi fiduċja u kunfidenza fis-suq intern permezz tal-indipendenza tagħha, il-kwalità tal-konsulenza li toffri u l-informazzjoni li xxerred, it-trasparenza tal-proċeduri u l-metodi tal-operat tagħha, u r-reqqa tagħha fit-twettiq tal-kompiti tagħha. L-Aġenzija jenħtieġ li tikkontribwixxi b'mod proattiv għall-isforzi nazzjonali u tal-Unjoni filwaqt li twettaq il-kompiti tagħha b'kooperazzjoni sħiħa mal-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u l-Istati Membri, ***filwaqt li tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni tax-xogħol, jiġu promossi s-sinerġija u l-komplementarjetà u b'hekk jinkisbu l-koordinazzjoni u l-iffrankar fiskali***. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Aġenzija tibni fuq l-input minn u l-kooperazzjoni mas-settur privat u ma' partijiet konċernati oħra. Jenħtieġ li jkun hemm sett ta' kompiti li jistabilixxi kif l-Aġenzija għandha tikseb l-għanijiet tagħha filwaqt li jippermetti flessibilità fl-attivitajiet tagħha.

Emenda

(15a) Id-dritt internazzjonali japplika għaċ-ċyberspazju u r-rapporti tal-Grupp ta' Esperti Governattivi tan-NU dwar is-Sigurtà tal-Informazzjoni (UNGGE) tal-2013 u tal-2015 jipprovdu linji gwida rilevanti, b'mod partikolari fir-rigward tal-projbizzjoni li l-istati jwettqu jew jappoġġaw konxjament l-attivitajiet ċibernetiċi li jmorru kontra l-obbligi

tagħhom skont ir-regoli internazzjonali. Ir-rilevanza tal-Manwal Tallinn 2.0 f'dan il-kuntest hija bażi eċċellenti għal dibattitu dwar kif id-dritt internazzjonali japplika għaċ-ċiberspazju u issa huwa l-waqt għall-Istati Membri biex jibdew janalizzaw u japplikaw il-Manwal.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni

(36) **Jenħtieġ** li l-Aġenzija tqis bis-sħiħ l-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp u valutazzjoni teknoloġika kurrenti, b'mod partikolari dawk imwettqa mill-inizjattivi differenti ta' riċerka tal-Unjoni sabiex jagħtu pariri lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, korpi, uffiċċji u aġenziji u fejn xieraq lill-Istati Membri, fuq talba tagħhom, dwar il-ħtiġijiet tar-riċerka fil-qasam tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni, b'mod partikolari taċ-ċibersigurtà.

Emenda

(36) **Jenħtieġ** li l-Aġenzija tqis bis-sħiħ l-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp u valutazzjoni teknoloġika kurrenti, b'mod partikolari dawk imwettqa mill-inizjattivi differenti ta' riċerka tal-Unjoni sabiex jagħtu pariri lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, korpi, uffiċċji u aġenziji u fejn xieraq lill-Istati Membri, fuq talba tagħhom, dwar il-ħtiġijiet tar-riċerka fil-qasam tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni, b'mod partikolari taċ-ċibersigurtà. **Jenħtieġ li l-Aġenzija tingħata baġit addizzjonali għal attivitajiet ta' riċerka u ta' żvilupp li jikkomplementaw il-programmi ta' riċerka eżistenti tal-Unjoni.**

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 46a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

(46a) **Il-baġit tal-Aġenzija jenħtieġ li jitħejja bi qbil mal-prinċipju ta' bbaġitjar abbażi tal-prestazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-għanijiet u r-riżultati mistennija tal-kompiti tal-Aġenzija.**

Emenda

Emenda 8

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Aġenzija għandha tippromwovi l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni fost l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni u partijiet konċernati rilevanti, inkluż is-settur privat fi kwistjonijiet marbuta maċ-ċibersigurtà.

Emenda

4. L-Aġenzija għandha tippromwovi l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni fost l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni, u partijiet konċernati rilevanti, inkluż is-settur privat, fi kwistjonijiet marbuta maċ-ċibersigurtà ***sabiex jinkisbu l-koordinazzjoni u l-iffrankar fiskali, tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni u jiġu promossi s-sinerġija u l-komplementarjetà.***

Emenda 9

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ga) tippubblika u tippromwovi l-attivitajiet tagħha u r-riżultati tal-ħidma tagħha sabiex iżżid il-viżibilità u s-sensibilizzazzjoni fost iċ-ċittadini.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) tikkummissjona l-attivitajiet ta' riċerka tagħha stess f'oqsma ta' interess li għadhom mhumiex koperti minn programmi ta' riċerka eżistenti tal-Unjoni, fejn jinsab b'mod ċar valur miżjud Ewropew.

Emenda 11

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed ta' kull Stat Membru, u żewġ rappreżentanti maħtura mill-Kummissjoni. Ir-rappreżentanti kollha għandu jkollhom d-dritt tal-vot.

Emenda

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed ta' kull Stat Membru, **rappreżentant wieħed maħtur mill-Parlament Ewropew**, u żewġ rappreżentanti maħtura mill-Kummissjoni. Ir-rappreżentanti kollha għandu jkollhom d-dritt tal-vot.

Emenda 12

Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-abbozz proviżorju tad-dikjarazzjoni tal-estimi għandha tkun ibbażata fuq l-għanijiet u r-riżultati mistennija tad-dokument ta' programmazzjoni uniku msemmi fl-Artikolu 21(1) u għandha tqis ir-riżorsi finanzjarji meħtieġa sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet u r-riżultati mistennija, f'konformità mal-prinċipju ta' bbaġitjar abbażi tal-prestazzjoni.

Emenda 13

Proposta għal regolament Artikolu 36 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Ir-responsabbiltà personali tal-uffiċjali tagħha lejn l-Aġenzija għandha tkun regolata **mill-kondizzjonijiet** rilevanti applikabbli għall-persunal tal-Aġenzija.

Emenda

5. Ir-responsabbiltà personali tal-uffiċjali tagħha lejn l-Aġenzija għandha tkun regolata **mill-kondizzjonijiet** rilevanti applikabbli għall-persunal tal-Aġenzija. ***Għandu jkun żgurat ir-reklutaġġ effettiv tal-persunal.***

Emenda 14

Proposta għal regolament Artikolu 37 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Is-servizzi tat-traduzzjoni meħtieġa għall-funzjonament tal-Aġenzija għandhom jiġu pprovduti miċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea.

Emenda

2. Is-servizzi tat-traduzzjoni meħtieġa għall-funzjonament tal-Aġenzija għandhom jiġu pprovduti miċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea ***jew minn fornituri oħra ta' servizzi tat-traduzzjoni bi qbil mar-regoli dwar l-akkwist u fi ħdan il-limiti stabbiliti mir-regoli finanzjarji rilevanti.***

Emenda 15

Proposta għal regolament Artikolu 41 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istat Membru ospitanti tal-Aġenzija għandu jipprovdi l-aħjar kondizzjonijiet possibbli sabiex ikun żgurat il-funzjonament korrett tal-Aġenzija, inklużi l-aċċessibbiltà tal-post, l-eżistenza ta' faċilitajiet ta' edukazzjoni adegwati għat-tfal tal-membri tal-persunal, aċċess adegwat għas-suq tax-xogħol, sigurtà soċjali u kura medika kemm għat-tfal kif ukoll għall-konjuġi.

Emenda

2. L-Istat Membru ospitanti tal-Aġenzija għandu jipprovdi l-aħjar kondizzjonijiet possibbli sabiex ikun żgurat il-funzjonament korrett tal-Aġenzija, inklużi ***post uniku għall-Aġenzija kollha***, l-aċċessibbiltà tal-post, l-eżistenza ta' faċilitajiet ta' edukazzjoni adegwati għat-tfal tal-membri tal-persunal, aċċess adegwat għas-suq tax-xogħol, sigurtà soċjali u kura medika kemm għat-tfal kif ukoll għall-konjuġi.

Ġustifikazzjoni

L-istruttura attwali tal-aġenzija b'sede amministrattiva tagħha f'Heraklion u l-operazzjonijiet ewlenin f'Ateni tat prova li hija ineffikaċi u għalja. Il-persunal kollu tal-ENISA għandu għalhekk jaħdem mill-istess belt. Fid-dawl tal-kriterji msemmija f'dan il-paragrafu, dan il-post għandu jkun Ateni.

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 41 – paragrafu 2a (ġdid)

2a. Wara l-evalwazzjoni mill-Kummissjoni kif rakkomandat mill-Grupp ta' Ħidma Interistituzzjonali dwar ir-riżorsi tal-aġenziji, il-Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali tal-Aġenzija għandu jiġi rivedut u s-sede tal-Aġenzija għandha tiġi rieżaminata biex tirrifletti dan.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Regolament dwar l-ENISA, l-"Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà" li jħassar ir-Regolament (UE) 526/2013, u li jikkonċerna ċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà tat-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni ("l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà")
Referenzi	COM(2017)0477 – C8-0310/2017 – 2017/0225(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 23.10.2017
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 23.10.2017
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Jens Geier 26.9.2017
Eżami fil-kumitat	21.3.2018
Data tal-adozzjoni	16.5.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 22 –: 4 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Nedzhmi Ali, Jean Arthuis, Reimer Böge, Lefteris Christoforou, Gérard Deprez, Manuel dos Santos, André Elissen, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Jens Geier, Esteban González Pons, Ingeborg Gräßle, Iris Hoffmann, John Howarth, Bernd Kölmel, Vladimír Maňka, Liadh Ní Riada, Jan Olbrycht, Răzvan Popa, Jordi Solé, Isabelle Thomas, Inese Vaidere, Marco Zanni, Stanisław Żółtek
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Ivana Maletić, Andrey Novakov

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB
JAGĦTI OPINJONI**

22	+
ALDE	Nedzhmi Ali, Jean Arthuis, Gérard Deprez
ECR	Bernd Kölmel
PPE	Reimer Böge, Lefteris Christoforou, José Manuel Fernandes, Esteban González Pons, Ingeborg Gräßle, Ivana Maletić, Andrey Novakov, Jan Olbrycht, Inese Vaidere
S&D	Eider Gardiazabal Rubial, Jens Geier, Iris Hoffmann, John Howarth, Vladimír Maňka, Răzvan Popa, Isabelle Thomas, Manuel dos Santos
Verts/ALE	Jordi Solé

4	-
ENF	André Elissen, Marco Zanni, Stanisław Żółtek
GUE/NGL	Liadh Ní Riada

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni